**MALTA**

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

**Rikors Revoka Numru: 103/2024NHV**
**Ippreżentat minn Aidan Borda u Queenelle Bonnici**
**fil-21 ta' Mejju 2024**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju**
**Numru 471/2023 fl-ismijiet:**
**Alfred Schembri (KI 549590M)**
**vs**
**Aidan Borda (KI 292395M)**
**u**
**Queenelle Bonnici (KI 163194M)**

Digriet mogħti llum 9 ta' Diċembru 2024

Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ta' Aidan Borda u Queenelle Bonnici** tal-21 ta' Mejju 2024, li permezz tiegħu għar-raġunijiet hemm mogħtija talbu għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi.

Rat id-digrieti preċedenti li permezz tagħhom: ordnat in-notifika tar-rikors lis-sekwestranti b'terminu ta' tlett ijiem tax-xogħol għar-risposta, u sussegwentement awtorizzat lir-rikorrent jinnotifika r-rikors bil-pubblikazzjoni u l-affissjoni;

Rat ir-**risposta ta' Alfred Schembri**, intavolata nhar l-14 ta' Ottubru 2024, fejn għar-raġunijiet imsemmija fl-istess risposta, saret oġġezzjoni għat-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

Rat li permezz ta' digriet mogħti nhar is-16 ta' Ottubru 2024, appuntat dan ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tal-11 ta' Novembru 2024 għall-provi kollha tal-partijiet u għall-finali trattazzjoni tar-rikors.

Rat li l-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx provi x'jipproduċu dwar il-mertu tar-rikors.

Semgħat it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti;

Dawn il-proċeduri ġew intavolati ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 u ċioè l-proċeduri ta' natura straordinarja li jistgħu jwasslu ordni ta' revoka ta' mandat kawtelatorju.

F'dawn il-proċeduri l-Qorti ma titrattax il-mertu tal-vertenza ta' bejn il-partijiet iżda hija marbuta li timxi strettament ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-lanjanza tiġi trattata u deċiża b'urġenza u fl-aqsar zmien possibbli. Huwa għalhekk li l-proċedura odjerna għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandha tkun biss ta' prima facie[1]; hija nieqsa mill-formalitajiet assoċjati mal-proċedura solenni tal-kawżi fil-mertu tant li l-Qorti għandha l-fakoltà li titratta talbiet simili għar-revoka in parte jew in toto ta' mandat kawtelatorju mingħajr il-ħtieġa li tappunta seduta għal smigħ viva voċe.

Il-Qorti tosserva li huwa ċar li l-emfasi f'din il-proċedura straordinarja, huwa l-urġenza u s-smigħ spedit, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja.[2]

[1] Joseph Camilleri et. vs. Anthony Govè et. - Rikors nru 286/2001RCP – deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-10 ta' Mejju 2001;

[2] Ara: Rikors Revoka nru 250/2020 prezentat minn Luke Camenzuli fit-30 ta' Marzu 2020 fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 256/20 fl-ismijiet:-John Camilleri, Doreen Camilleri u Timothy Camilleri vs. Luke Camenzuli – deċiż permezz ta' digriet kamerali nhar l-14 ta' April 2020, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – Imħallef Robert G. Mangion; kif ukoll ir-rikors nru 1183/2014 ippreżentat minn Office Group Limited fl-24 ta' Diċembru 2014 fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1959/14 maħruġ fit-12 ta' Diċembru 2013 fl-ismijiet DOM Communiations Ltd vs. Office Group Ltd. – deċiż permezz ta' digriet nhar it-28 ta' April 2015 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – Imħallef Lawrence Mintoff;

F'dan il-każ din il-Qorti għażlet li tagħti l-opportunità u l-fakoltà tas-smigħ lill-partijiet waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2024.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2024 fejn ħalliet ir-rikors għall-provvediment.

Ikkunsidrat:

Tqis illi dan huwa rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat għall-Mandat ta' Sekwestru kawteolatorju a bażi tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis li L-Artikolu 836(1)(f) li fuqu r-rikorrenti qegħdin isejsu t-talba tagħhom, jipprovdi:

> *"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *...*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Tqis ukoll illi in sostenn tat-talba tagħhom, ir-rikorrent sekwestrati ippreżentaw kopja ta' żewġ ċedoli ta' depożitu, waħda datata 10 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha ġew depoiżitati €7,794[3] u oħra datata 21 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha s-sekwestrati flimkien iddepożitaw €1612.05; u għalhekk qiegħdin jsostnu illi "l-ammont sħiħ pretiż mis-sekwestrant fil-kawża fl-ismijiet suċitati, bin-numru tal-avviż 41/2023 huwa kkawtelat il-Qorti."

Illi fir-rikors tagħhom, ir-rikorrenti ddikjaraw illi "*fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza finali tagħha tiddikjara lil xi wieħed mir-rikorrenti bħala debitur tas-sekwestrant, tali ammont se jitħallas in solidum bejn l-esponenti.*"

Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, "*Il-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti*

[3] Iċ-ċedola tindika li €1,331.87 jappartjenu lil Aidan Borda u €6,635.85 jappartjenu lil Queenelle Bonnici;

*trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti.*"[4]

"*Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat**, tkun* <u>*tbiddlet xi ċirkostanza*</u>[5] *li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ.*"[6]

Illi quddiem din il-Qorti rriżulta li ġiet depożitata s-somma globali ta' €9406.05 in kawtela tal-pretenzjonijiet mressqa permezz tal-kawża bejn l-istess partijiet, liema depożitu sar permezz ta' żewġ ċedoli suċċitati, u, saret dikjarazzjoni mis-sekwestrati li huma se jkunu qegħdin iħallsu kull somma jistgħu eventwalment jiġu ordnati iħallsu b'mod solidali bejniethom.

B'riferenza għat-talba kif imsejsa fuq il-paragrafu (f) tal-Artikolu 836(1), fl-provvediment tal-4 ta' Frar 2016, mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet <u>Steven Pace et. vs. Paul Camilleri et.</u> il-Qorti qalet:

"*Illi biex tali talba tirriżulta attwabbli tinħtieġ li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi in diżamina mid-data li fiha inħareġ il-mandat de quo.*"

Illi kif ingħad fid-digriet tagħha nhar l-14 ta' April 2020: [...] "*illi kif iseħħ fil-maġġorparti tal-każijiet, mandat ta' sekwestru kawtelatorju jinħareġ mingħajr l-ebda indaġini ta' xejn lanqas prima facie. Il-Qorti toqgħod fuq il-ġurament tas-sekwestranti, anzi ta' wieħed jew waħda biss mis-sekwestranti, jekk ikun hemm diversi bħal fil-każ preżenti. L-ebda indaġini ma ssir preventivament sabiex il-Qorti tevalwa jekk hux raġġonevoli li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju.* "

Fid-digriet tagħha mogħti nhar is-6 t'Awwissu 2020, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[7] tispjega li "*Il-proċedura ta' revoka ta' mandat dedotta taħt l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12*

---

[4] Ara: <u>Gaetano Abdilla et. vs. Charles Bianco et.</u> deċiż nhar l-20 ta' Jannar 2016; kif ukoll <u>Vincent Mercieca vs. George Galea</u>, rikors deċiż 29 ta' Novembru, 2011, u <u>Technobroadcast srl vs. Mediterrenean Broadcasting Limited</u>, deċiżi 5 ta' Ġunju, 2007);

[5] Emfasi miżjuda mill-Qorti;

[6] Rikors Revoka nru 571/2010 ipprezentat minn Charles u Maria Dolores miżżewġin Darmanin fl-4 ta' Ġunju 2010, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet:-<u>Francis u Rita konjuġi Spiteri vs. Charles u Maria Dolores konjuġi Darmanin u Any u Mary konjuġi Cole</u>– deċiż permezz ta' digriet mogħti nhar il-25 ta' Awwissu 2010, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – Onor. Imħallef Joseph R. Micallef;

[7] Rikors Revoka nru. 515/20RGM Rikors Revoka preżentat minn Karen Camilleri fit-30 ta' Gunju 2020, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru. 479/20 fl-ismijiet <u>Alfred Spiteri vs. Karen Camilleri</u>;

*m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala xi forma ta' appell mid-digriet li permezz tiegħu ntlaqgħa l-mandat. L-Artikolu 836 jipprovdi istanzi li s-sekwestrat jista' jibbaża l-azzjoni tiegħu sabiex jitneħħa l-mandat, fost dawn wieħed isib bdil ta' ċirkostanzi kif ukoll l-għoti ta' garanzija adegwata in sostituzzjoni tal-mandat. Il-leġislatur ried jaċċerta ruħu għalhekk illi <u>jekk il-ġudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-seħħ, dan ikun jista' jitneħħa permezz ta' kontro-mandat.</u>"*[8]

Illi l-Qorti tosserva li ma ġietx ippreżentata kopja tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat li fuqu ll-partijiet qiegħdin jiddibattu permezz ta' dawn il-proċeduri.

Illi s-sekwestrant kemm fir-risposta tiegħu kif ukoll fit-trattazzjoni tiegħu jirrittjeni li l-unika mod kif il-pretenzjoni tiegħu tkun formalment ikkawtelata hija biss jekk ikun hemm depożitu tal-ammont imsemmi fil-mandat miż-żewġ sekwetrati u mhux somma waħda li tirrapreżenta s-somma pretiża minnu.
Illi l-Qorti kkunsidrat din is-sottomissjonijiet, u s-sentenzi mogħtija mill-qrati nostrana hekk kif msemmija mis-sekwestrant.

Illi kkunsidrat li b'differenza għal dan il-każ in eżami, fiċ-ċirkostanzi msemmija mis-sekwestrant ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet li l-ħlas ta' kull ammont li jista' jiġi ordnat mill-Qorti meta tingħata deċiżjoni fuq il-mertu li din se titħallas b'mod solidali, u għalhekk din il-Qorti se tiskarta dan l-argument.

Ikkunsidrat:

Kif rajna ir-rikorrenti qed titlob ir-revoka tal-Mandat de quo ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12, li jistipola li mandat jiġi revokat jekk jintwera u l-ġudikant ikun sodisfatt li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

**Deċide**

Wara li qieset iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti, filwaqt li mhux il-kompitu tagħha fi proċeduri simili illi tiddeċiedi min għandu raġun fil-mertu, il-Qorti hija tal-fehma li *prima facie* sodisfatt li ma hemm ebda raġuni għaliex dan il-mandat għandu jibqa' fis-seħħ *in toto* u dana stante li l-pretensjoni tas-sekwestrant hija debitament ikkawtelata permezz tad-depożiti magħmula taħt l-awtorità ta' din il-Qorti <u>kif ukoll</u> permezz tad-dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrenti sekwestrati fir-rikors promotur tagħhom li f'każ li l-pretenzjoni tas-sekwestranti tintlaqa' dawn se jħallsu kull somma b'mod solidali.

---

[8] Emfasi miżjuda minn din il-Qorti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta', tiddeċiedi u tiddekreta definittivament ir-rikors ta' Aidan Borda u Queenelle Bonnici tal-21 ta' Mejju 2024 billi tilqgħu u tirrevoka in parte l-mandat ta' sekwestru bin-numru 471/2023 fl-ismijiet premessi bil-mod segwenti:-

1. Tirrevoka l-effetti tas-sekwestru , fis-sens biss li, m'għandux ikollu effett in kwantu jolqot l-assi l-oħra tas-sekwestrati, waqt li tikkonferma l-effetti tas-sekwestru fuq l-ammonti depożitati permezz taċ-ċedoli 891/2023 u 1001/2023;

2. Tordna li jinħareġ l-opportun kontro mandat u li jsiru n-notifiki skond il-liġi;

Spejjeż ta' dina l-vertenza riżervati għad-deċiżjoni finali.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur